**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 23 ta' Marzu 2021

Rikors Numru: 109/2019 AL

**A B f'isimha proprju u bħala Kuratriċi ad litem ta' binha C D nominata b'Digriet tal-10 ta' Ottubru 2019**

**vs**

**E D, u**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi proprio et noe, li permezz tiegħu ppremettiet:

1. *Illi l-esponenti kellha relazzjoni ma' l-intimat E D, liema relazzjoni illum spiccat;*

2. *Illi fit-8 ta' Lulju 2018 twieled il-minuri C hekk kif jirriulta mc-certifikat li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

3. *Illi stante li kif fuq inghad, il-partijiet kienu f'relazzjoni, gie prezunt li E D kien il-missier naturali tal-minuri C u ghalhekk fl-imsemmi certifikat tat-twelid gie ndikat bhala l-missier naturali tat-tarbija;*

4. *Illi inizjalment il-partijiet hasbu li l-minuri huwa iben naturali ta' l-intimat E D u kien biss wara xi xhur mit-twelid li nibet dubju dwar il-paternita' tal-minuri u kien ghalhekk li l-partijiet qablu li jsir id-DNA test; mil-liema rrizulta li effettivament l-intimat E D mhux il-missier naturali ta' C (Dok B);*

5. *Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, u kif diga' jirrizulta mir-rizultat tad-DNA tests maghmula fuq l-intimat E D u fuq il-minuri C, il-missier naturali tal-minuri m'huwiex l-intimat E D.*

6. *Illi ghalhekk, u fl-ahjar interess tal-minuri, ir-rikorrenti ghandha interess li c-certifikat tat-twelid ta' binha jigi kkoregut biex ma jibqghax maghruf bhala iben E D;*

7. *Illi stante t-trepass tas-sitt xhur mit-twelid tal-minuri, l-esponenti ipprosegwiet b'rikors u b'digriet tal-4 ta' April, 2019 hawn anness u mmarkat Dok C giet awtorizzata tipprosegwi f'dil-istanza;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:*

i. *Tiddeciedi u Tiddikjara I t-tifel C imwieled mill-attrici fit-8 ta' Lulju 2018 f'tal-Qroqq Msida ma huwiex il-wild naturali u bijologiku tal-konvenut E D;*

ii. *Konsegwentament tordna li jithassru d-dettalji tal-konvenut E D mill-kolonna "isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" mic-certifikat tat-twelid tal-minuri C u jigu sostitwiti bil-kliem "missier mhux maghruf";*

iii. *Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fl-istess certifikat tat-twelid tal-minuri u dang hall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;*

iv. *Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, jekk ikun il-kaz, jaffettwa l-korrezzjonijiet opportuni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghall-imsemmija cetifikat tat-twelid.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa ingunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi proprio et nomine;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[1] fejn eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament u għal kull bon fini, l-esponent jirrileva illi l-attriċi ma kellhiex għalfejn tottjeni l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tkun tista' tipproċedi b'din il-kawż u dan nonostante t-trapass ta' sitt (6) xhur mit-twelid tal-minuri C D. Dan qiegħed jingħad in vista tal-fatt li ġialadarba l-minuri tnissel u twieled barra miż-żwieġ, id-disposizzjonijiet tal-liġi li għandhom japplikaw fil-każ odjern huma dawk li jaqgħu taħt l-Ewwel Ktieb, Titolu II, Sub-Titolu III tal-Kodiċi Ċivili li jitratta l-Filjazzjoni tal-Ulied Imnissla jew Imwielda barra miż-Żwieġ u fuq il-Preżunzjoni li Persuna kienet Imnissla jew Imwielda matul iż-Żwieġ – f'liema Sub-Titolu ma jeżisti l-ebda terminu legali ta' sitt (6) xhur u lanqas rekwiżit illi sabiex persuna tkun tista' tmexxi b'azzjoni ta' denegata paternita' din għandha titlob awtorizzazzjoni mill-Qorti Kompetenti;*

2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva ukoll illi ma huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati mir-rikorrenti fir-rikors promotur;*

3. *Illi l-esponent jiddikjara li normalment fi proċeduri ta' din in-natura, hu dejjem jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji u dan in vista tal-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt għal tali fini, l-esponent jinnota illi l-attriċi eżebiet mar-rikors promotur kopja tat-Test Ġentiku li jistabillixxi illi E D ma huwiex il-missier naturali tal-minuri C D. In vista ta' dan id-dokument, l-esponent jirrimetti ruħu, salv salv illi l-istess rapport jiġi maħluf mit-tekniku William Sun Ph.D.;*

[1] Fol. 12 – 14.

4. *Illi f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi, l-esponent jirrileva illi għandu ukoll jiġi deċiż b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 sub-inċiż 6 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi finalment u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' għaġir tal-esponent u għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut E D,[2] fejn eċċepixxa:

1. *Illi fl-ewwel lok l-intimat jirrileva illi huwa kien that l-impressjoni illi l-minuri C kien ibnu u ma kellu l-ebda hjiel illi dan it-tifel minuri jistghu jkun illi ma kienx tieghu. Illi huwa ma kienx qieghed jippretendi illi r-rikorrenti A B kien se jkollha tarbija minghand xi had iehor;*

2. *Illi tant kemm l-intimat qatt ma basar illi da nil-wild minuri mhuwiex tieghu illi huwa intavola procedure ta' medjazzjoni (u anke rikorsi ghall-access) sabiex ikun jista' jirregola l-kwistjonijiet ta' kura u kustodja, manteniment, access u hwejjeg ancillary relatati malwild minuri. Illi jigi rilevat illi huwa sahansitra kien lahaq taha diversi pagamenti ta' manteniment b'referenza ghall-wild minuri C;*

3. *Illi kien biss wara diversi xhur u wara diversi seduti kemm tal-medjazzjoni u anke quddiem l-Imhallef (minhabba r-rikorsi intavolati) illi gie infurmat illi l-wild mnuri ma kienx tieghu u ovvjament kien xokk ikrah hafna ghalih li ghadhu tahti sal-lum il-gurnata;*

4. *Illi ghaldaqstant huwa jaqbel illi t-tifel minuri C ma huwiex il-wild naturali tieghu u ghalhekk l-isem tal-esponenti bhala l-missier mic-certifikat tat-twelid ghandu jithassar u jigi sostitwit bil-kliem missier mhu maghruf;*

[2] Fol. 16 – 19.

5. *Illi inoltre huwa ma ghandux jbghati l-ispejjez tal-kawza odjerna stante lui mhux tort tieghu illi din qelbitilu u sahansitra ingannatu billi qaltlu illi t-tifel tieghu izda fil-verita' ma kienx;*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut E D;

Rat id-digriet tal-10 ta' Ottubru 2019 fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi kif dedotta fir-rikors datat 26 ta' April 2019 u ċjoe' ħatrietha bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri C D fil-proċeduri odjerni;[3]

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri C D bin-numru progressiv 4615 tas-sena 2018;[4]

Rat ir-rizultat tat-test ġenetiku iffirmat minn William Sun Ph.D.;[5]

Rat ix-xhieda ta' Christopher Farrugia;[6]

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Jannar 2020 fejn il-Qorti ħatret lil Dr. Marisa Cassar sabiex tagħmel it-test ġenetiku u dan in vista tal-fatt illi t-test ġenetiku li tiegħu l-attriċi ezebit ir-rizultat mar-rikors promotur, kien sar għall-uzu personali;[7]

Rat in-nota tal-attriċi ta' nhar il-21 ta' Jannar 2020, permezz ta' liema ġie ddikjarat il-kunjom li għandu jassumi l-minuri f'kaz li t-talbiet jintlaqgħu minn din il-Qorti;[8]

Rat iz-zewġ affidavits ta' Dr. Marisa Cassar li magħhom hemm anness ir-rapport xjentifiku tad-DNA minnha stess redatt fir-rigward tal-minuri C D;[9]

Rat l-affidavit tal-attriċi;[10]

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

---

[3] Fol. 27.
[4] Fol. 4.
[5] Fol. 5.
[6] Fol. 32 – 33.
[7] Fol. 30.
[8] Fol. 34.
[9] Fol. 39 – 45.
[10] Fol. 47 – 48.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. *L-Azzjoni Odjerna:*

Il-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-attriċi proprio et nomine fejn qiegħda tattakka l-paternita' tal-minuri binha C D, u ċjoe' li l-minuri ma huwiex il-wild naturali tal-konvenut E D. Iz-zewġ partijiet jispjegaw illi huma kienu f'relazzjoni u matul din ir-relazzjoni twieled il-minuri C D. L-attriċi tikkontendi fl-affidavit tagħha illi *"jien kont sirt naf li pregnant b'ibi meta kelli 6 xhur tqala u kien ghalhekk li jien qatt ma assumejt li l-mnuri ma kienx ta' E"*. Min-naħa l-oħra, l-konvenut jgħid illi *"huwa kien taħt l-impressjoni illi l-minuri C kien ibnu u ma kellu l-ebda hjiel illi dan it-tifel minuri jista' jkun illi ma kienx tiegħu"*. Għaldaqstant meta twieled il-minuri C D, dan ġie reġistrat bħala iben l-konvenut u konsegwentament assuma l-kunjom *'D'*. Wara li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet, jidher li minħabba suspett li nibet rigward il-paternita' tal-minuri, sar test ġenetiku sabiex jiġi stabbilit jekk il-konvenut huwiex verament il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri C D. Fil-fatt ir-rizultat tat-test ġenetiku anness mar-rikors ġuramentat jgħid illi l-konvenut ma huwiex il-missier naturali tal-minuri.

Fid-dawl tal-premess, saret l-azzjoni odjerna mill-attriċi proprio et nomine fejn qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara lil konvenut bħala mhux il-missier naturali tal-minuri u konsegwentament isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid tal-istess minuri, liema Att għandu jirrifleti r-realta' u ċjoe' li huwa wild missier mhux magħruf. L-attriċi proprio et nominee tirrileva illi tali azzjoni qiegħda ssir fl-aħjar interess tal-minuri, sabiex b'hekk l-identita' tiegħu tkun konformi mal-verita'. Min-naħa l-oħra, l-konvenut filwaqt li jikkontendi li sakemm sar jaf li l-minuri ma huwiex ibnu, huwa dejjem aġixxa bħala *bonus pater familias* mal-minuri, f'dan l-istadju huwa ma jsib l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet tal-attriċi proprio et nomine tenut kont tal-ingann da parti l-attriċi nnifisha. Parti għal din il-kawza huwa ukoll id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li rrimetta ruħu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti.

2. *Il-Prinċipji Legali:*

In tema legali jingħad illi l-Artikolu 99 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li fuqu hija bbazata din il-kawża jipprovdi illi: *"L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess".*

Referenza trid issir għall-Artikolu 100A, li jrid jinqara kontestwalment mal-Artikolu 70A subinċiż 1, li jipprovdu hekk rispettivament:

*"F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi."*

*"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li wiled u lill-wild; (b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġi u lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

Magħdud mal-premess, referenza trid issir għall-Artikolu 92 subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili u dan fir-rigward tal-kunjom li għandu jassumi l-iben:

*"Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, jekk ikun ġie magħruf b'ibnu mill-missier, jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista' jżid kunjom l-omm, diversament, jieħu kunjom l-omm".*

3. *L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:*

It-talba tal-attriċi A B f'isimha proprju u kif ukoll in rapprezentanza tal-mnuri C D, hekk imsejsa fuq l-Artikolu 99 tal-Kodiċi Ċivili, hija azzjoni fejn l-attriċi qiegħda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni ġudizzjali ta' *denagata paternita'*, ċjoe' li l-minuri C D ma huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut E D hekk kif ġie ddikjarat fuq l-Att tat-Twelid tiegħu, izda huwa iben terza persuna mhux magħrufa.

Għal tali talba, l-konvenut E D, fir-risposta ġuramentata tiegħu jiddikjara li m'għandu l-ebda oġġezzjoni u jikkonferma li għandhom isiru dawk il-

korrezzjonijiet neċessarji fl-Atti tat-Twelid tal-minuri. Madanakollu, joġġezzjona għal kap tal-ispejjez. L-istess pozizzjoni ttiehdet mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fejn irrimetta ruħu għal-ġudizzju tal-Qorti izda ssottometta li m'għandux jeħel l-ispejjez tal-kawza istanti.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti rat ir-rizutat tat-test ġentiku ezebit mill-attriċi ffirmat minn William Sun Ph.D., izda kif ddikjarat minn Christopher Farrugia fix-xhieda tiegħu il-21 ta' Jannar 2020, tali test sar biss għall-uzu personali tal-partijiet. Għaldaqstant il-Qorti ħatret lil Dr. Marisa Cassar sabiex tagħmel test ġenetiku għal Qorti. Il-Qorti rat l-affidavits ta' Dr Marisa Cassar ipprezentati u debitament maħlufa fis-17 ta' Settembru 2020 u ieħor fit-2 ta' Diċembru 2020, fejn ġie kkonfermat illi wara li ġabret kampjun orali tal-partijiet, irrizulta illi E D, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija XX ma huwiex il-missier naturali ta' C D.

Kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u ċjoe' jekk l-attriċi possibbilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-attur, fiz-zmien tal-konċepiment tal-minuri C D. Fil-kaz odjern, it-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar il-paternita' tal-minuri. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar ċar u inekwivoku li C D m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut D. In vista ta' dan, il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it-talbiet tal-attriċi proprio et nomine.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri u dan b'referenza għar-raba' (4) eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, il-Qorti tinnota li l-attriċi proprio et nomine pprezzentat nota fejn iddikjarat li l-kunjom tal-minuri għandu jkun *'B'* u dan f'kaz li t-talbiet tagħha jiġu milqugħa. Min-naħa l-oħra, ma jidhirx li kien hemm ebda oġġezzjoni da parti l-konvenuti. A tenur tal-Artikolu 92 subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti temmen li ikun idoneju li fiċ-ċirkostanzi l-kunjom tal-minuri jinbidel għal *'B'* sabiex ikun konformi ma' dak ta' ommu.

Fl-aħħar nett, il-Qorti ma tistgħax ma tikkumentax rigward il-fatt li l-attriċi proprio et nomine saħqet fir-rikors ġuramentat tagħha li din l-azzjoni saret fl-aħjar interess ta' binha. Il-Qorti taqbel illi huwa verament fl-aħjar interess tal-minuri illi dan jassumi l-identita' vera tiegħu, inkluz li jkun jaf min huwa l-missier naturali u bijoloġiku tiegħu. Kieku għal grazzja tal-argument l-konvenut ma sarx

jaf illi huwa m'huwiex il-missier naturali tal-minuri, awtomatikament il-minuri kien jitrabba u jifforma ruħu b'tali manjiera li ma tirrispekjax il-verita' fit-totalita' tagħha. Għaldaqstant il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-attriċi proprio et nomine dwar l-intavolar ta' din il-kawza bl-intiza li tneħħi lil konvenut bħala id-dikjarat missier tal-minuri.

Madanakollu, l-fatt li l-attriċi titlob lil Qorti illi tissostitwixxi l-konnotati tal-konvenut D bil-kliem *'missier mhux magħruf'*, dan ma jwassalx il-messaġġ illi l-omm qiegħda verament taġixxi fl-aħjar interess tal-minuri. A kuntrarju ta' mara mizzewġa, omm mhux mizzewġa m'għandhiex l-obbligu ai termini tal-liġi illi tattakka l-paternita' ta' binha billi timxi ukoll kontra l-missier naturali.[11] Madanakollu kieku verament l-attriċi kellha għal qalbha l-interessi supremi tal-minuri, din xorta waħda kienet tagħzel li tmexxi din il-kawza ukoll kontra l-missier naturali tal-minuri, sabiex b'hekk tagħti l-opportunita' lil binha illi jkun rikonoxxut minn missieru, ikun assoċjat mal-familja ta' missieru u tagħtih sens ta' kompletezza illi jaf min huma z-zewġ ġenituri tiegħu. Il-Qorti tisħaq illi l-irwol tal-missier huwa ferm importanti fit-trobbija tal-minuri u kwalsiasi missier għandu jingħata l-fakulta' li jipparteċipa b'mod sħiħ u attiv fit-trobbija ta' uliedu. Bi sfortuna u għal raġunijiet mhux magħrufa izda immaġinabbli għall-Qorti, l-attriċi għazlet illi taħbi l-identita' tal-missier naturali.

Għaldaqstant il-Qorti tissolleċita lill-attriċi sabiex jekk għandha għal qalbha l-interessi ta' binha, taġixxi fl-aħjar interess tiegħu u tieħu azzjoni b'mod immedjat skont ir-rimedji li għandha disponibbli ai termini tal-liġi sabiex il-missier naturali tal-minuri jiġi ddikjarat bħala tali fl-Att tat-Twelid tal-minuri.

## **DEĊIDE:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut E D u dawk tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara illi E D, detentur tal-karta tal-identita' XX, ma huwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri C D;

2. Tilqa' it-tieni attriċi u tordna li għandhom jitħassru d-dettalji tal-attur E D mill-Att tat-Twelid ta' C D, liema Att tat-Twelid għandu n-numru

[11] Ara d-differenza bejn Artikolu 77B u Artikolu 99 tal-Kodiċi Ċivili

progressiv 4615 tas-sena 2018 u l-minuri għandu jiġi ddikjarat bħala l-wild ta' missier mhux magħruf;

3. Tilqa' it-tielet u r-raba' talbiet attriċi u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa dawk il-korrezzjoni neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' C D, liema Att tat-Twelid għandu n-numru progressiv 4615 tas-sena 2018, b'dana illi a tenur tal-Artikolu 92 subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili l-kunjom tal-minuri għandu jinbidel għal *'B'* u ċjoe' kunjom ommu; tordna ukoll illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jara li tali korrezzjoni tkun riflessa fi kwalunkwe att relattiv ieħor tal-minuri.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza għandhom ikunu sapportati mill-attriċi A B.